# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tal-Hamis, 1 ta' Novembru, 2001**

**Numru: 2**

**Citazzjoni Numru: 666/95 JF**

**Joseph Azzopardi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Filtons Clothing Company Limited.**

**vs**

**Godwin Montanaro ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Montico Limited.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur nomine li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur nomine xtara minghand il-konvenut nomine merkanzija konsistenti fi drapp "cotton single jersey" skond ma jirrizulta mill-ftehim tal-25 ta' Marzu 1994 kopja hawn annessa u markata Dok A.

U premess illi din il-merkanzija giet ikkonsenjata u l-prezz thallas kollu.

U premess illi wara li din il-merkanzija giet ikkonsenjata irrizulta li parti sostanzjali minnha ma kenitx tal-kwalita' pattwita u ma kenitx bhal kampjun li fuqu l-bejgh kien sar, u ghalhekk l-attur nomine sofra d-danni.

U premess illi l-konvenut nomine accetta l-fuq premess u l-partijiet ftehmu li l-attur nomine juza dak li seta' sabiex jigu minimizzati d-danni.

U premess illi meta l-konvenut nomine gie interpellat sabiex jersaq ghall-hlas tad-danni u restituzzjoni tal-prezz ta' dik il-merkanzija li ma kienetx tal-kwalita' pattwita, baqa' inadempjenti.

Talab li din il-Qorti:-

1. Tiddikjara lill-konvenut nomine responsabbli ghad-danni versu l-attur nomine b'konsegwenza tal-fatt li parti mill-merkanzija fuq indikata ma kienetx tal-kwalita' pattwita u ma kienetx bhal kampjuni li fuqu l-bejgh kien sar.

2. Tillikwida dawn id-danni jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lil konvenut nomine jhallas lill-attur nomine d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Frar 1995 u tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali mit-22 ta' Frar 1995 kontra l-konvenut nomine.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi l-konvenuti kienu biss agenti u ma kienux huma li bieghu d-drapp in kwistjoni, fil-fatt il-kumpanija venditrici kienet Jangxi Native Produce Imp. & Exp. Corp. ta' Foreign Trade Building, Nanchang P.R. China, u l-attur kien jaf b'dan;

2. Illi l-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-gudizzju;

3. Illi minghajr pregudizzju l-kumpanija estera ipproponiet ftehim li hu dak indikat fl-ittra tad-29 ta' Lulju 1994 annessa bhala Dokument "A". L-attur qabel ma' din l-ittra u mal-kuridizzjonijiet hemm imposti u fil-fatt gie appuntat Mr. Colin Tabone bhala "mutually acceptable local inspector";

4. Illi minghajr pregudizzju Colin Tabone ddecieda illi kieri hemm 8.36% tal-materjal li ma kienx uzabbli u ghalhekk meta wiehed iqis li. internazzjonalment hemm limitu accettat ta' 5% li jista' ma jkunx uzabbli f'kull kunsenja jibqa' illi kien hemm biss 3.36% li fil-verita' ma kienx uzabbli meta wiehed jikkonsidra l-5% accettati internazzjonalment;

5. Illi meta ra r-rapport ta' Colin Tabone Dokument "B" li fuqu kienu qablu z-zewg partijiet l-attur rega' lura mill-ftehim. In vista ta' dan il-ftehim maghmul bejn il-partijiet biex ittransigew il-kwistjoni, it- talbiet attrici ma jistghux jigu milqugha;

6. Llli fil-fatt kien wara li ra r-rapport tas-6 ta' Ottubru 1994 (Dokument "B") ta' Colin Tabone illi l-attur baghat ittra datata 12 ta' Ottubru 1994 (Dokument "C") fejn mar lura mill-ftehim milhuq u ndikat fl-ittra tad-29 ta' Lulju 1994 (Dokument "A");

7. Illi kien ghalhekk ovvju li l-attur ipprova u qieghed jipprova ingustament jiehu Iura flus ii mhumiex dovuti lilu;

8. Illi mhux rninnu li hemm il-persentagg ta' difetti li qed ighid l-attur fil-materjal kunsenjat;

9. Illi wara dan kollu sar ftehim illi s-600kg tad-drapp difettuz ,jigu mizbugha suwed, pero' wara l-attur talab illi jigu mizbugha fil-kuluri originali u dwar dan sar ftehim ukoll. Minn kull wiehed minn dawn il-ftehmiet l-attur rega' lura unilateralment;

10. Illi ghalhekk it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

11. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-konvenut li permezz taghha dwar ir-rikors tal-10 ta' Novembru 1997 eccepixxa is-segwenti:

1. Illi l-azzjoni attrici hi preskritta bi zmien ta' xahar mill-kunsenja li hu z-zmien li fih kellha tingieb il-kawza ghal difetti latenti.

2. Illi f'azzjoni dwar nuqqas ta' kwalita' pattwita ma hemmx lok ghal

danni meta l-oggett ikun gie accettat, hemm biss lok ghal diminuzzjoni fil-prezz fuq valutazzjoni ta' esperti. Il-ligi taghti danni biss fejn il-kunsinna tal-oggett tkun giet rifjutata;

3. Illi ma jirrizultax li kien hemm kunsenja ta' prodott mhux skond il-kwalita' pattwita. L-attur innifsu jitkellem fuq materjal difettuz u l-premessi mhumiex fondati.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti;

Semghet lix-xhieda li giet prodotta u ezaminat ukoll l-"affidavits" li gewipprezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza u senjatament in-noti ta' osservazzjonijiet tal-kontendenti per via ta' trattazzjoni, kif ukoll ir-relazzjoni peritali mill-espert tekniku nominat minnha;

Ikkunsidrat illi mill-provi akkwiziti jirrizulta li l-attur nomine xtara merkanzija konsistenti fi drapp "cotton single jersey", liema merkanzija giet ikkonsenjata lilu, hallas taghha, u wara rriskontra difetti tali li gieghluh iharrek lill-bejjiegh billi parti mill-imsemmija merkanzija ma kenitx "tal-kwalita' pattwita u ma kenitx bhal kampjuni li fuqu l-bejgh kien

sar".

L-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta huma fis-sens li hija kienet biss agent, u kwindi mhux il-legittimu kontradittur u kellha ghalhekk tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, billi d-drapp de quo fil-fatt inbiegh mis-socjeta' estera "Jangxi Native Produce Imp. & Exp. Corp." tac-Cina.

Illi dwar dawn l-eccezzjonijiet, hemm provi bizzejjed li juru kif effettivament il-ftehim ta' bejgh intlahaq bejn il-partijiet kontendenti u kif bhala "bejjiegh" dejjem deher Godwin Montanaro f'isem is-socjeta' konvenuta, li sahansitra in segwitu ppruvat ukoll tasal f'xi forma ta' transazzjoni mal-kumpratur. Kien biss il-quantum tad-danni li zamm il-partijiet milli jilhqu ftehim ahhari u jevitaw din il-procedura. Qatt ma kien hemm dubbju li s-socjeta' konvenuta agixxiet dejjem bhala l-"venditur" u mhux qua agent ta' terz u ghalhekk din il-Qorti ma tifhimx kif issa l-istess socjeta' konvenuta qeghda tipprova tirripudja dan l-istat ta' fatt. Kwindi, l-ewwel zewg eccezzjonijiet qeghdin jigu respinti ghax infondati.

Illi ferm wara l-prezentata ta' l-att tac-citazzjoni in ezami, is-socjeta' konvenuta ssollevat tliet eccezzjonijiet ulterjuri ta' natura legali. Dwar li l-azzjoni hija perenta bid-dekors ta' xahar, il-Qorti tosserva li n-natura ta' l-azzjoni mhijiex wahda redibitorja u lanqas dik estimatorja imma wahda

ta' inadempjenza kontrattwali u li giet inoltre segwita b'diversi inkontri u tentattivi bejn il-partijiet kontendenti biex possibilment tintlahaq tranzazzjoni, kif gja' inghad supra. Kwindi, l-ewwel zewg eccezzjonijiet ulterjuri wkoll qeghdin jigu respinti ghaliex m'humiex legalment fondati.

Illi l-bqija ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta jolqtu direttament il-meritu.

Illi m'ghandu jkun hemm ebda dubbju li, bhala fatt, mill-provi jemergi li mhux il-merkanzija kollha kienet skond il-ftehim. Din il-kostatazzjoni mhux biss tohrog mix-xhieda moghtija u mill-korrispondenza skambjata bejn il-partijiet imma wkoll minn dak li kkonkluda l-espert gudizzjarju u cjoe' (ara fol. 66 tal-process, fol. 5 tar-relazzjoni),

> *"….. l-ammont ta' drapp difettuz li l-attur xtara minghand il-konvenut u li ghadu fil-mahzen, jammonta ghal 728 kg. Dan l-ammont ma jinkludix xi danni ohra li l-attur seta' sofra peress li, skond ix-xhieda tieghu (ara Annex II), dan kien biegh xi whud mill-'vests' bhala seconds".*

Dan igibna wkoll ghat-tielet eccezzjoni ulterjuri li giet sollevata mis-socjeta' konvenuta – li tghid li "ma jirrizultax li kien hemm kunsenja ta' prodott mhux skond il-kwalita' pattwita". Il-provi juru xort' ohra. Fil-

fehma tal-Qorti bil-fatt li l-attur nomine jiddeskrivi dan il-materjal bhala wiehed difettuz, kif kien tabilhaqq, ma jikkonfliggix mal-asserzjoni li ma kienx tal-kwalita' pattwita, u kwindi din l-eccezzjoni wkoll qeghda tigi respinta. Bil-fatt li l-attur nomine isemmi difetti li rriskontrahom mal-kunsenja mhux bilfors ifisser li l-unika azzjoni hija dik estimatorja – jekk il-ftehim kien jipprovdi ghal merkanzija xort' ohra, tista' tregi azzjoni bbazata proprju fuq ksur ta' l-istess ftehim.

Illi dwar il-<u>quantum</u> tad-danni, din il-Qorti jkollha tistqarr li baqghet kemmxejn perplessa minhabba certu element ta' oxxillazzjoni riskontrabbli fil-provi u sottomissjonijiet ta' l-attur nomine ghal fini ta' kwantifikazzjoni u likwidazzjoni finali ta' danni.

Illi skond ma jirrizulta mill-istima ta' l-attur nomine (ara Dok JA1 – fol.157 tal-process) l-ammont ta' drapp difettuz minn kunsenja globali ta' 7140 kgs, kien ta' 1465.3 kgs u li l-materjal difettuz kien sewa lill-kumpanija Lm2,784.07. L-attur nomine "jikkalkula li d-danni li l-kumpanija sofriet jammonta bejn Lm4,000 u Lm4,500. Ta' min josserva li biex jimminimizza d-danni, l-attur nomine ipprova xorta wahda jahdem bil-materjal supplit u jbieghu bi prezz inferjuri bhala "seconds".

Ikkonfrontat ma' dak li kien ikkostata l-perit gudizzjarju bhala <u>quantum</u> tad-danni jsib li dan wasal biss ghal <u>nofs</u> l-ammont u cjoe' 728 kgs (a

differenza ta' l-ammont ta' 1465.3 kgs indikat mill-attur nomine. Illi jekk wiehed ghalhekk jiehu l-ammont fi flus ta' Lm2,784.07 moghti mill-attur nomine u jiddividih bin-nofs, eskluzi c-centezmi, igibna ghas-somma ta' Lm1,392 (elf tliet mija u tnejn u disghin lira Maltin). Il-Qorti trid taghti kont pero' tal-fatt li l-imsemmi perit tekniku ghamel rizerva espressa ta' xi danni addizzjonali li l-attur nomine seta' inkorra. Il-Qorti tosserva wkoll li f'istima precedenti li giet sottomessa mill-attur nomine (ara Dok JA, fol. 81 tal-process) tissemma' s-somma ta' Lm4,884.25 – somma akbar mill-massimu pretiz ulterjorment mill-attur nomine.

Il-konvenut nomine, min-naha tieghu, jaghmel riferenza kostanti ghall-kostatazzjonijiet li pprova jasal ghalihom Colin Tabone, espert imqabbad appozitament mis-socjeta' venditrici biex jikkwantifika d-danni. Pero' jirrizulta li anke dan l-espert sab diffikulta' biex jaghmel tali stima. Di fatti inter alia xehed kif gej (fol. 123):

> *"Jiena f'dak ir-rapport, Sur Imhallef, ippruvajt nikkwantifika d-dannu. Ovvjament irrid nghid ukoll li dana huwa "assessment" li hu soggett ghal hafna 'ifs' u 'buts', fis-sens illi meta inti tiggudika materjal ta' kwantita' kbira ta' wisghat, inti bilfors ikollok tibda taghmel paralleli fejn ser tahdem."*

Il-Qorti, wara li qieset dak kollu premess, u fid-dawl tal-kostatazzjonijiet

tal-espert gudizzjarju arbitrio boni viri tillikwida d-danni kollha sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000).

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta, tilqa' t-talbiet kollha attrici kif dedotti b'dan li ghal fini tat-tieni talba qeghda tillikwida s-somma ta' Lm2,000 (elfejn lira Maltin) u ghalhekk qeghda tikkundanna lis-socjeta' konvenuta, kif rapprezentata, sabiex thallas lill-attur nomine dawn id-danni hekk likwidati per saldu, kif ukoll il-kap ta' l-ispejjez, inkluz dawk peritali bl-interessi legali mid-data tan-notifika tal-att tac-citazzjoni sal-hlas effettiv.

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI

Deputat Registratur

md